# I B E N

**Dramm muzikali  bbazat fuq il-parabbola ta'**

***L-Iben il-hali***

**Kitba ta' Trevor Zahra**

**Muzika originali ta' Ruben Zahra**

**-----------------------------------------------------------------------------**

**Jiehdu sehem:**

**It-Tifel**

**Hu t-Tifel**

**Il-Missier**

**Ix-Xitan**

**Zeffiena**

**Kor**

**-----------------------------------------------------------------------**

**1 - BHALL-GHENEB U D-DIELJA**

<u>Kor:</u> Bhall-gheneb u d-dielja -- bhall-qamh u l-hamrija,
Bhall-bahar u l-huta -- bhall-warda u x-xemx,
L-ulied ma' missierhom marbuta b'imhabba
Bla tarf u ghaziza li bhalha ma hemmx;
Madwar l-istess mejda u taht l-istess saqaf,
Jithalltu bil-hlewwa in-niket u s-sliem,
Ghax dejjem missierhom bi mhabbtu jharishom.
U tikber ir-rabta mal-medda taz-zmien.

<u>Missier:</u> Ghax kull m'hu tieghi hu taghkom,
Ghax intom fija u fikom jien,
Habbejtkom minn qabel twelidkom,
U tajtkom hajja bla tmiem.
Kull m'hu tieghi hu taghkom,
Kull m'ghandi lilkom irrodd,
'Kk il-fergha tibqa' mad-dielja
Taghti hafna frott!

<u>Kor:</u> Bhall-gheneb u d-dielja -- bhall-qamh u l-hamrija,
Bhall-bahar u l-huta -- bhall-warda u x-xemx,
L-ulied ma' missierhom marbuta b'imhabba
Bla tarf u ghaziza li bhalha ma hemmx;
'Mma jigu l-irwiefen fl-iljieli mudlama,
U jheddu 'l-eghnieqed u jwerwru lill-qmuh,
Iqanqlu lill-mewga u l-bejta tal-huta,

U l-ward gewwa l-gnejna f'sekonda jnixxfuh!

## 2 - IT-TENTAZZJONI

Xitan: Haddem mohhok... la tkunx iblah;
Ahseb b'rasek, tkunx fidil,
Meta jghidu kemm int bravu
Jkunu qed jistmawk ta' vavu,
Dahhal f'hajtek ftit tibdil;

Naf x'jintqal minn wara dahrek:
"Ghadu l-pupu tal-Papa`,
Dejjem lest jghid 'kk joghgbok u grazzi
w anki skuzi
Ghax ghadu taht l-eta`.

Kor: Tard ma' shabek zgur ma nhallikx,
Xitan: Cwievet, le ma ntikx,
Kor: "Pocket Money" tiehu bil-qies
Xitan: Bil-patt li tkun bhan-nies

Kor: Dan mhux stil ta' guvni modern,
Xitan: (Parlant): Donnok ga sirt xih
Kor/Xitan: Bla ma taf int ga qed tghix fl-infern!

**3 - HALLUNI**

TIFEL: Halluni....

Lili xi hsibtuni ?

Hadd ma jikkmandani;

Hawn jiena...arani:

Miskin min jahbat difru mieghi;

Niggieled ghal dak li hu tieghi !

Dan li dejjem xtaqt,

Dan li dejjem ridt:

Niehu sehmi bi dritt !

Ma rridx aktar hniena,

Ma rridx aktar karita`,

Ma rridx kliem l-imhabba,

Ta' l-ebda Papa` !

Irrid li nithallat ma' zghazagh tampari,

U nduq x'hemm jistenna 'il barra minn dari;

Ghax issa l-waqt tieghi...kif ghadni zaghzugh,

L-eghluq taht is-soqfa nhallih biss ghax-xjuh;

Ma rrid l-ebda rbit,

Hadd ma jkunli sid,

Nghid dak kollu li rrid...

Kor: Shabek kollha qed jistennewk

Xitan: B'hena w ferh jimlewk.

Kor: Hajja tlellex hemm lest' ghalik

Xitan: Sodisfazzjon taghtik!

Kor: Thalli jindahallek lil hadd,

Xitan: (Parlant): Haffef... kun deciz!

Kor/Xitan: Dan ic-cans thallih jahrablek qatt!

Xitan: Qatt tkun iblah u taccetta
Li tintrifes mas-saqajn,
M'ghandekx bzonn min jaghti kasek
Ghax taf tahseb sew ghal rasek;
W inti ragel daqs l-ohrajn.

U lil huk taghtih risposta
Ta' kemm jahseb li hu kbir,
Waqt li int tiggerra ghax sid tieghek innifsek,
Huk jibqa' donnu lsir.

Kor: Shabek kollha qed jistennewk

Xitan: B'hena w ferh jimlewk.

Kor: Hajja tlellex hemm lest' ghalik

Xitan: Sodisfazzjon taghtik!

Kor: Thalli jindahallek lil hadd,

Xitan: (Parlant): Haffef... kun deciz!

Kor/Xitan: Dan ic-cans thallih jahrablek qatt!

TIFEL: Dan li dejjem xtaqt,
Dan li dejjem ridt:
Niehu sehmi bi dritt...
Missier !
Missier !

## 4 - KULL X'HIN ISSEJJAHLI

Missier: Kull x'hin issejjahli issibni hdejk,
Nixxotta kull demgha minn xfar ghajnejk,
Niehu fuqi t-toqol minn fuq spallejk,
Ta' hajti dan
Hu biss il-ghan;
Jiena qatt ma ncanfrek jekk fl-ghama ddum,
Fil-hidma nghinek minn jum ghal jum,
Fil-waqghat li jkollok inheggek tqum,
U mieghi b'dejn,
Ma nqislek xejn!

Kor: Kull x'hin issejjahli issibni hdejk,
Nixxotta kull demgha minn xfar ghajnejk,
Niehu fuqi t-toqol minn fuq spallejk,

Ta' hajti dan

Hu biss il-ghan;

Jien qatt ma ncanfrek jekk fl-ghama ddum,

Fil-hidma nghinek minn jum ghal jum...

<u>TIFEL:</u> Halluni....

Lili xi hsibtuni ?

Hadd ma jikkmandani;

Hawn jiena...arani:

Miskin min jahbat difru mieghi;

Niggieled ghal dak li hu tieghi,

Dan li dejjem xtaqt,

Dan li dejjem ridt:

Niehu sehmi bi dritt !

## <u>5 - XALAR</u>

<u>Kor:</u> Jghidulna li l-hajja qasira,

U jtiru sekli shah,

Mel' ejja nahsbu biss f'issa...

Ghax ghada...ghada min rah ?

Kemm hi belha n-nahla tahdem u iddur,

U n-nemla li gidha tahzen ghall-futur,

Le jien miniex bhalhom jiena nghix kuntent

Ingawdi il-prezent !

<u>TIFEL:</u> Madwari hbiebi iwennsuni,

M'hawnx isbah minn dan l-ghazz,

Ghax flimkien nafu niddevertu,

Nafu wkoll kif nghaddu siegha "buzz"!

Kemm jahlu l-iljieli dat-twajba bnedmin,

Bi kwiethom go soddthom fis-skiet reqdin,

Jien nghaddi l-iljieli dejjem fix-xalar,

U norqod biss bi nhar !

<u>Xitan:</u> Ara kemm hawn min ihobbok,

Sa hawn min jadurak,

Kulhadd lest jaqbez f'huggiega,

Biex dejjem hieni jarak;

Bik tassew jiftahru x'hin tkun generuz,

Ghax rasek int ma thabbilx fl-infiq tal-flus,

Jien b'certezza nghidlek m'hawn hadd mill-bnedmin

Li mhabba daq bhal din!

<u>Kor:</u> Jghidulna li l-hajja qasira,

U jtiru sekli shah,

Mel' ejja nahsbu biss f'issa...

Ghax ghada...ghada min rah ?

Kemm hi belha n-nahla tahdem u iddur,

U n-nemla li gidha tahzen ghall-futur,

Le jien miniex bhalhom jiena nghix kuntent

Ingawdi il-prezent !

**<u>6 - BIL-MOD IL-MOD....</u>**

<u>Kor:</u> Bil-mod...il-mod...

Wara l-hegga tax-xemx illi tghammex il-jum,

Taqa' d-dalma...

Bil-mod...il-mod...

Wara l-ghagha u t-tgegwig illi jtarrax il-jum,

Taqa' s-sikta...

Taqa' l-kalma...

Bil-mod... il-mod...

Kull qalb tibda tfittex xi rokna ta' kenn,

'Il boghod mit-tahbit u mill-genn,

Imsejken min wahdu jhoss ruhu mugugh,

Bla m'ghandu 'l min jimsahlu d-dmugh...

<u>TIFEL:</u> <u>Parlant:</u>

Hbieb tieghi,

Fejn intom ?

Tlaqtuni bla ma naf ghalfejn,

Hbieb tieghi,

Din hajti,

Minghajrkom tabilhaqq mhi xejn,

Hbieb tieghi,

Wegbuni,

Araw daqsxejn kemm jien mugugh,

Inhossni,

Bla sahha,

Ninsab ukoll bil-ghatx u l-guh !

Hbieb tieghi,

Nehtiegkom,

Taghtuni xrara zghira wens,

Ghiduli,

Mqar kelma,

Li nhossha taghmel nitfa sens...

Hbieb tieghi...

<u>Kor:</u> Kull qalb tibda tfittex xi rokna ta' kenn,

'Il boghod mit-tahbit u mill-genn,

Imsejken min wahdu jhoss ruhu mugugh,

Bla m'ghandu 'l min jimsahlu d-dmugh...

<u>TIFEL:</u> U ntemmet il-ghanja minn qabel ma bdiet,

Minn fommi t-tbissima ga nhbiet,

Kull fjamma li jien xtaqt inkebbes, intfiet...

U issa fid-dalma sfajt wahdi !

Niftakar fl-imghoddi u nhoss bhal ugigh,

Li ma jhallilx ftit mistrieh,

Taht saqaf missieri kont dejjem ferrieh...

Imm' issa fid-dalma sfajt wahdi !

Kor: Wahdi...

Minghajr kliem ta' farag,

Minghajr sold fil-but!

Wahdi..!

Hadd aktar ma jafni,

Moghti l-genb, michud!

TIFEL: Fid-dar ta' missieri hemm hobz l-aktar bnin,

Hemm laham misjur u nbid fin,

Sa anki l-qaddejja bil-gid imfawrin...

Jien biss hawn fid-dalma sfajt wahdi !

Kor: Wahdi...

Minghajr kliem ta' farag,

Minghajr sold fil-but!

TIFEL: Nistenbah

Minn din l-illuzjoni,

Nitlaq ghand missieri...

Fhimt x'jigifieri!

Ghalkemm tiggerra u tixxala

Minghajru hajtek tkun battala.

Iva nqum u mmur,

Lejh bil-hniena ndur,

Hu jifhimni, naf zgur!

**7 - QAWMIEN**

TIFEL: Sinjur,

Lanqas jisthoqqli noqghod mieghek...

(Kor: Tlift kull gieh!)

Ghax dnibt kontra s-sema w kontra tieghek...

(Kor: Bla qies!)

Miniex aktar denn ta' Iben tieghek...

(Kor: L-ghaziz!)

Zommni biss bhala qaddej!

KOR: Mulej,

Minghjarek jien m'jien xej'

Is-sliem biss minnek gej...

Dan ic-cans aghtini,

Nitolbu hallini

Nkun tieghek qaddej!

Jehtieg,

Inwarrab kull tfixkil,

Intajjar kull hsieb tqil,

U nsib biss is-sliema

X'hin nghidlek b'indiema:

"Hniena!"

Hniena - Hniena!

Hniena - Hniena!

<u>TIFEL:</u> Inqum...

Ghax ghad li jien twarrabt minn mieghu,